# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 15**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 9/2018/1 MH**

**Gemma Micallef, Carmel Micallef, Joseph Micallef, Philippa Micallef, Mary Grech, Grace Cini, Emmanuel Micallef u Doris Micallef, ilkoll aħwa Micallef; u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2020 Gemma Micallef qiegħda tidher f'din il-kawża f'isimha proprju u f'isem oħtha Doris Micallef**

***v.***

**Avukat Ġenerali, llum Avukat tal-Istat; u Philippa Mangion għal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta Philippa Mangion minn sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fid-29 ta' Jannar 2020 li biha ċaħdet eċċezzjonijiet dwar il-validità tal-proċeduri kif ukoll eċċezzjoni dwar l-integrità tal-ġudizzju mressqa mill-konvenuta Philippa Mangion, u ordnat li tkompli tinstema' l-kawża.

2. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu rimedju għax igħidu illi d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar kif emendata bl-Att XXIII tal-1979 jiksru l-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Għar-rikors tal-atturi wieġbu kemm l-Avukat Ġenerali – illum l-Avukat tal-Istat – kif ukoll il-konvenuta Mangion.

3. Is-sentenza li minnha sar dan l-appell, li hija sentenza preliminari billi ma iddisponietx mill-kwistjonijiet kollha mqanqla bir-rikors tal-atturi u bit-tweġibiet tal-konvenuti, ċaħdet uħud mill-eċċezzjonijiet li ressqet il-konvenuta Mangion.

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza b'rikors tat-18 ta' Frar 2020 li għalih wieġbu l-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, fl-10 ta' Marzu 2020 u l-atturi fis-6 ta' Mejju 2020.

5. Kemm l-Avukat tal-Istat u kemm l-atturi fit-tweġibiet tagħhom igħidu illi l-appell tal-konvenuta Mangion ma jiswiex għax, biex sar appell minn sentenza li iddisponiet biss minn uħud mill-kwistjonijiet fil-kawża, kellu qabel xejn jinkiseb permess tal-ewwel qorti kif igħid u jrid l-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dak il-permess ma ngħatax.

6. Il-permess kellu jintalab b'rikors fi żmien sitt ijiem mis-sentenza. Fil-fatt intalab b'nota (mhux b'rikors, kif irid l-art. 231) ippreżentata fl-14 ta' Frar 2020, aktar minn sitt ijiem wara li ngħatat is-sentenza fid-29 ta' Jannar 2020.

7. Igħidu sew l-Avukat tal-Istat u l-atturi illi dan l-appell ma setax sar mingħajr il-permess tal-ewwel qorti, u għalhekk ma jiswiex.

8. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' invalidità tal-appell u ma tqisux aktar. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

9. L-ispejjeż tal-appell tħallashom il-konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb